VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,693, 9 ta' Diċembru, 2016*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru LV tal-2016**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT li jafferma li l-persuni kollha għandhom orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġeneru u espressjoni tal-ġeneru, u li l-ebda kombinazzjoni ta' dawn it-tliet karatteristiċi ma tikkostitwixxi diżordni, marda, defiċjenza, diżabilità u, jew nuqqas ieħor; u biex jipprojbixxi prattiċi ta' konverżjoni bħala prattiċi qarrieqa u malinni jew interventi kontra l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u, jew l-espressjoni tal-ġeneru.**

**ACT No. LV of 2016**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to affirm that all persons have a sexual orientation, a gender identity and a gender expression, and that no particular combination of these three characteristics constitutes a disorder, disease, illness, deficiency, disability and, or shortcoming; and to prohibit conversion practices as a deceptive and harmful act or interventions against a person's sexual orientation, gender identity and, or gender expression.**

VERŻJONI ELETTRONIKA



Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)** **MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
**President**

9 ta' Diċembru, 2016

**ATT Nru LV tal-2016**

*ATT li jafferma li l-persuni kollha għandhom orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġeneru u espressjoni tal-ġeneru, u li l-ebda kombinazzjoni ta' dawn it-tliet karatteristiċi ma tikkostitwixxi diżordni, marda, defiċjenza, diżabilità u, jew nuqqas ieħor; u biex jipprojbixxi prattiċi ta' konverżjoni bħala prattiċi qarrieqa u malinni jew interventi kontra l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u, jew l-espressjoni tal-ġeneru.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2016 dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identità tal-Ġeneru u l-Espressjoni tal-Ġeneru.

Tifsir

**2.** F'dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

VERŻJONI ELETTRONIKA



"diżordni mentali" tfisser disfunzjoni mentali jew ta' mġiba sinifikanti, murija b'sinjali u, jew sintomi li jindikaw distorsjoni fil-funzjonament mentali, inkluż disturbi f'xi qasam wieħed jew aktar tal-ħsieb, burdati, rieda, perċezzjoni, fehma, orjentament jew memorja li jkunu daqstant preżenti hekk li jitqiesu li jkunu patoloġiċi kif klassifikati fi *standards* mediċi u dijanjostiċi aċċettati internazzjonalment, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe forma ta' patoloġizzazzjoni tal-orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġeneru u, jew espressjoni tal-ġeneru hekk kif jistgħu jkunu klassifikati taħt il-lista tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard jew klassifikazzjonijiet simili oħra rikonoxxuti internazzjonalment, u "mard mentali" għandha tinftiehem b'dan il-mod, u għall-fini ta' kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' proċedimenti kriminali, għandha tinkludi "ġenn" kif dan jinftiehem għall-fini tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

"espressjoni tal-ġeneru" tirreferi għall-manifestazzjoni ta' kull persuna tal-identità tal-ġeneru tagħha, u, jew dik li hija perċepita mill-oħrajn;

"identità tal-ġeneru" tirreferi għall-esperjenza tal-ġeneru interna u individwali ta' kull persuna, li tista' tikkorrispondi jew ma tikkorispondix mas-sess assenjat mat-twelid, inkluż is-sens personali tal-ġisem (li jista' jinvolvi, b'għażla ħielsa, tibdil fl-apparenza tal-ġisem, u, jew funzjonijiet permezz ta' mezzi mediċi, kirurġiċi jew xort'oħra) u espressjonijiet oħra tal-ġeneru, inkluż l-isem, l-ilbies, id-diskors u l-komportament;

"orjentazzjoni sesswali" tirreferi għall-kapaċità ta' kwalunkwe persuna li jkollha emozzjonijiet profondi, attrazzjonijiet affezzjonali u sesswali lejn, u relazzjonijiet intimi u sesswali ma', persuni ta' ġeneru differenti, tal-istess ġeneru jew ta' aktar minn ġeneru wieħed;

"persuna vulnerabbli" tirreferi għal kwalunkwe persuna:

(a) ta' taħt is-sittax-il sena; jew

(b) li tbati minn diżordni mentali; jew

(ċ) ikkunsidrata li tkun partikolarment taħt riskju mill-qorti kompetenti wara li tkun ħadet f'kunsiderazzjoni l-età tal-persuna, il-livell ta' maturità tagħha, saħħitha, diżabilità mentali, kundizzjonijiet oħra illi jinkludu kwalunkwe sitwazzjoni ta' dipendenza, l-istat psikoloġiku u, jew l-istat emozzjonali ta' dik il-persuna;

"prattiċi ta' konverżjoni" tirreferi għal kwalunkwe trattament, prattika jew sforz sostnut li l-għan tiegħu hu dak illi jibdel, irażżan u, jew jelimina l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u, jew l-

VERŻJONI ELETTRONIKA



espressjoni tal-ġeneru ta' persuna; dawn il-prattiċi ma jinkludux -

(a) kwalunkwe servizz u, jew intervent relatat mal-esplorazzjoni u, jew żvilupp ħieles ta' persuna u, jew affermazzjoni tal-identità fir-rigward ta' waħda jew aktar mill-karatteristiċi li huma affermati minn dan l-Att, permezz ta' *counselling*, servizzi psikoterapewtiċi u, jew servizzi simili; jew

(b) kwalunkwe servizz tas-saħħa relatat mal-iżvilupp ħieles u, jew l-affermazzjoni tal-identità tal-ġeneru u, jew l-espressjoni tal-ġeneru ta' persuna; u, jew

(ċ) kwalunkwe servizz ta' saħħa li jingħata għall-kura ta' diżordni mentali;

"professjonist" tirreferi għal persuna li tkun fil-pussess ta' kwalifika uffiċjali u, jew ta' *warrant* ta' prattika bħala *counsellor*, edukatur, terapista tal-familja, prattikant mediku, infermier, patologu, psikjatra, psikologu, psikoterapista, *social worker*, u, jew *youth worker*.

Prattiċi illegali ta' konverżjoni.

**3.** Dawn li ġejjin jitqiesu bħala reati kriminali -

(a) li xi persuna:

(i) twettaq prattiċi ta' konverżjoni fuq persuni vulnerabbli; jew

(ii) twettaq prattiċi ta' konverżjoni b'mod involontarju u, jew sfurzat fuq persuna; jew

(iii) tirreklama prattiċi ta' konverżjoni; u, jew

(b) li professjonist:

(i) joffri u, jew iwettaq prattiċi ta' konverżjoni fuq kwalunkwe persuna irrispettivament mill-fatt jiġix ikkumpensat għal tali servizzi; jew

(ii) jirreferi kwalunkwe persuna għand persuna oħra sabiex din twettaq prattiċi ta' konverżjoni fuq xi persuna.

Kriminalizzazzjoni ta' prattiċi ta' konverżjoni.

**4.** (1) Kull minn jinsab ħati taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(a) jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000) u mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000), jew priġunerija għal żmien mhux anqas minn xahar u mhux aktar minn ħames xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

VERŻJONI ELETTRONIKA



Iżda l-piena stabbilita taħt dan is-subartikolu għandha tiżdied minn grad sa żewġ gradi f'dawk l-istanzi meta persuna twettaq prattiċi ta' konverżjoni fuq persuni vulnerabbli.

(2) Kull professjonist li jinsab ħati taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(a) u, jew (b) jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn elfejn euro (€2,000) u mhux aktar minn għaxart elef euro (€10,000), jew priġunerija għal żmien mhux anqas minn tliet xhur u mhux aktar minn sena, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 458 tal-5 ta' Diċembru, 2016.

ĊENSU GALEA
*Deputy Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*